MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 21/2006

**Dorianne u Alex konjugi Mangion**

**vs**

**Mondial Holidays**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fit-3 ta' April 2006 fejn ir-Rikorrenti talbu danni ta' circa elf u mitejn Lira Maltin (Lm1200) kif ukoll danni morali minhabba vjagg lejn il-Karibew u Miami li spiccaw vittma ta' Urugan.

L-intimatipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u Louise Attard (Tour Leader) u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti bbukjaw Cruise lejn il-Karibew u Miami minghand id-ditta ntimata u neffqet sitt mitt Lira Maltin (Lm600) ghal kull ras. Meta waslu il-Karibew kien hemm Urugan u kellhom jghaddu erbat ijiem u ljieli f' postijiet degradanti ghall-umani kif ukoll qed jigi allegat li l-intimati kienu jafu bl-Urugan.

2. L-intimat issottometta illi ma kienux jafu bl-Urugan u kellhom ordnijiet mill-Awtoritajiet sabiex jorqdu hemm.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jinnota li r-Rikorrenti zgur li ma ghandhomx tort ta' li gara u talli ma hadux gost u talli l-vaganza taghhom giet imhassra u min-naha l-ohra trid twiezen il-fatt li l-intimat ma kienx jaf bl-urugan u ghalhekk irid jibbilancja d-drittijiet tal-Konsumatur kif ukoll d-drittijiet tan-negozjant. F' dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm300) ghal kull persuna ammontanti ghal sitt mitt Lira Maltin (Lm600) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

Ir-rikors ta’ l-appell intavolat minn Mondial Holidays ghandu mertu identiku ghal dak ta’ zewg appelli ohra mill-istess ditta fl-ismijiet “**Josephine Magro -vs- Mondial Holidays**” (Rikors Nru. 19/06) u “**George Magro *et* -vs- Mondial Holidays**” (Rikors Nru. 20/06) decizi minn din il-Qorti fit-28 ta’ Marzu, 2007;

Din il-Qorti sabet li dawk l-appelli l-ohra sottoposti lilha kienu ben fondati u ghaddiet biex akkoljiethom. L-istess ser taghmel din il-Qorti f’din il-kawza. A skans ta’ ripetizzjoni, il-konsiderazzjonijiet fihom minn din il-Qorti ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghal mertu ta’ l-appell odjern.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ l-appell u b’hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. L-ispejjez gudizzjarji relattivi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------